**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

**Illum 4 ta' Marzu, 2016**

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Johann J Fenech)**

**vs**

**Ismael Micallef**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Ismael Micallef detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 455095M akkuzat talli fl-14 ta' Lulju, 2014 fir-residenza 'Philadelphia' Triq il-Gudja, Ghaxaq:

1 B' nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b' nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b' nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ikkaguna offiza gravi permezz ta' strument li jaqta' jew iniggez

fuq il-persuna ta' missieru Peter Micallef, liema offiza ggib il-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218 tal-Ligijiet ta' Malta

Akkuzat ukoll talli fl-istess data u zmien ta' qabel:

2 Akkwista, zamm fil-pussess tieghu ghal-liema ghan kien, zamm jew importa armi regolari u munizzjoni imsemmija fl-Iskeda I tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex f' kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li kellhom x' jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 11 ta' Dicembru, 2014 (esebit a fol. 4 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Semghat il-provi.

Semghet is-sottomissjonijiet finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti ta' dan il-kaz jirrigwardaw incident li sehh f'ambitu familjari fl-14 ta' Lulju 2014 ghal-habta tal-11.00pm f'residenza Hal-Ghaxaq bejn l-imputat u huh Daniel fejn intervjena missierhom Pierre Micallef sabiex iferraqhom u jikkalma l-affarijiet u l-missier gie milqut accidentalment fuq il-polz tal-id il-

leminija b'pen knife (Dok. JF1 esebita waqt l-udjenza tat-30 ta' April 2015) li kienet f'idejn l-imputat u fejn gew kagunati griehi li gew certifikati bhala ta' natura gravi[1]. Pierre Micallef ittiehed l-Isptar dak il-hin stess bl-ambulanza peress li kien tilef hafna demm u gew infurmati l-Pulizija fejn gie arrestat u nterrogat l-imputat li rrilaxxja l-istqarrija nserita a fol. 28 u 29 tal-atti processwali u fejn huwa spjega li kien inqala' argument dwar charger ta' mobile phone fil-kamra tieghu bejnu u bejn huh Daniel u missieru Pierre Micallef sema' l-ghajjat u intervjena sabiex jikkalma l-affarijiet. L-imputat spjega li huwa qabad pen knife li kienet fuq il-komodina u li kienet gabitlu ohtu bhala souvenir minn barra minn Malta xi xhur qabel u beda jxejjirha fl-arja sabiex ibezza' lil huh u spicca sabiex accidentalment laqat lil missieru b'din il-pen knife meta dan intervjena bejnu u bejn huh Daniel. L-imputat spjega li huh kissirlu xi tazzi tal-kollezzjoni u konsegwentement huwa qabad il-pen knife li kien hemm fuq il-komodina u beda jxejjirha fl-arja. Mix-xhieda tal-Ufficjal Prosekutur u Nvestigattiv[2] f'dan il-kaz jirrizulta li l-vittma f'dawn il-proceduri, u cioe' Pierre Micallef, sa mill-bidu nett insista li ma jittiehdux proceduri fil-konfronti tal-imputat izda minhabba n-natura tal-griehi sofferti l-Pulizija kellhom bilfors jintavolaw il-proceduri odjerni. Pierre Micallef rega' kkonferma li ma riedx li jittiehdu l-proceduri kontra ibnu meta xehed waqt l-udjenza tas-16 ta' Ottubru 2015 u spjega li kwazi jista' jitqies li kien hu li dahhal idu lejn il-pen knife sabiex jipprova jiehu l-istess pen knife minn idejn l-imputat sabiex jigi evitat aktar inkwiet. Huwa qal li l-imputat kien biss qieghed ixejjer il-pen knife u bl-ebda mod ma ried jolqtu jew iweggghu.

Ikkunsidrat:

Illi f'dan il-kaz l-imputat qed jigi akkuzat li nvolontarjament u ghalhekk bi traskuragni u nuqqas ta' hsieb ikkaguna feriti ta' natura gravi lil missieru Pierre

[1] Vide certifikat mediku nserit a fol. 27 tal-atti processwali.

[2] L-Ispettur Johan Fenech xehed fl-udjenza tat-30 ta' April 2015.

Micallef u cioe' bir-reat ta' hsara nvolontarja kontemplat fl-Artikolu 226 (1)(a) tal-Kodici Kriminali. M'huwiex kontestat mill-partijiet li l-missier intlaqat accidentalment minn ibnu meta huwa intervjena sabiex iferraq liz-zewg uliedu li kienu qed jiggieldu dwar charger ta' mobile phone. Id-Difiza ssostni li n-negligenza f'dan il-kaz tirrizulta da parti tal-missier ghaliex kien hu li dahhal idejh sabiex jipprova jiehu l-mus minn id ibnu u b'hekk spicca sabiex jintlaqat. Il-Qorti assolutament ma taqbilx ma' din it-tezi u jidrilha li n-nuqqas ta' hsieb u n-negligenza da parti tal-imputat jirrizultaw ampjament pruvati ghaliex kien hu li fil-mument li missieru kien diga' intervjena sabiex iferraq lilu u lil huh qabad il-pen knife minn fuq il-komodina u beda jxejru bl-addocc u spicca sabiex laqat lil missieru involontarjament. In-nuqqas ta' hsieb u t-traskuragni ghandhom jigi attribwiti lil min jaghzel li jaqbad pen knife u jibda' jxejru bl-addocc fl-ambitu ta' argument u mhux lil min imur sabiex iferraq u jressaq idejh sabiex jipprova jnehhi l-pen knife minn idejn min qed ixejru sabiex jevita li jwegga' xi hadd fil-glieda li huwa bl-ebda mod ma kien involut fiha.

Illi l-Qorti jidrilha ghalhekk li l-ewwel imputazzjoni tirrizulta pruvata u l-imputat ser jinstab hati taghha izda in vista tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz fejn il-vittma mal-ewwel hafer lill-imputat ghal dak li ken gara u tenut kont ukoll tal-eta' tal-imputat u tal-fatt li huwa ghandu fedina penali nadifa l-Qorti ser tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi in kwantu jirrigwarda t-tieni mputazzjoni fejn l-imputat qed jigi akkuzat li zamm arma regolari msemmija fl-Iskeda 1 tal-Kap. 480 minghajr id-debita licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija l-Qorti taqbel ma dak sottomess mid-Difiza li ma tirrizultax ir-rejita' ghal din l-imputazzjoni stante illi mill-provi rrizulta li dan il-pen knife kien souvenir ornamentali li nghata lil-imputat bhala rigal u ghalhekk ma jistax jitqies bhala arma regolari li kien jehtieg licenzja sabiex jinzamm.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 217, 226(1)(a) u 222 tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettiex reat iehor sa zmien tnax (12) –il xahar millum. Il-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tat-tieni mputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess imputazzjoni.

**MAGISTRAT**